Intom tifirħu, u l-werqat niedja tagħkom
bħal qlub jitbewsu dlonk f'tgħanniqa mriegħda,
u jgħannu b'elf ilsien lill-ħajja ġdida
ta' bejta sħuna, tpespes bla ma tehda.

Oh, l-għanja tagħkom hija l-għelm ta' ħajja
li ma tafx jasar ta' fehmiet għajjura;
imwielda fil-ħelsien, tgħixu fil-wisa'
biex tkattru l-poeżija tan-natura.

Kemm drabi, friegħi, xtaqt li mal-għasafar
intir taħt dellkom, ħieles minn kull dnewwa,
u b'leħen diewi ta' poeta ċkejken
f'dak l-hena, kwiet u sliem ngħanni bil-ħlewwa?!

Mhux jien, mhux jien jekk ħasbu li jeqirdu
minn qalbi l-għana hieni taż-żgħożija
nieqaf mirbuħ; ħaddieħor jegħreq f'fehmtu:
għalija l-ħajja b'dawl ix-xemx mogħnija.

Għalija l-ħajja: nwar u palm ħadrani
jien insiġt b'għelma ta' ħelsien żgħożiti,
nwar li għad jiftaħ f'dell il-palm tar-rebħa
għas-sħana ta' xemx Mejju fi rġuliti.

Għaliex bħal tagħkom, friegħi, l-għan ta' ħajti
qiegħed isul fil-beraħ dawn il-jiem,
w għalkemm inħoss li l-għoli mbiegħed minni
qalbi qed titrod b'xewqa wara s-sliem.

U lejl u nhar immexxi dehni tfuli
fit-triq ta' ħajja fuq blat samm mibnija,
waqt illi rrawmu ma jibżax mir-rwiefen
'nnma jrabbi rieda daqs l-azzar qawwija,

biex bħalkom, friegħi, 'il fuq 'il fuq jittajjar,
ħieles mill-karfa ta' bnedmin u bhejjem,
merfugħ bejn sema u art itenni l-għanja
taż-żiffa u tal-ħajbur, żagħżugħ ta' dejjem...

Itilgħu 'l fuq, friegħi ħelwin, jien magħkom
ngħanni s-sbuħija tal-werqat kotrana,
infirxu w ikbru, u bħal dirgħajn godlija
intrefgħu lejn is-sema safi tagħna.



# KRONAKA TAL-GHAQDA

## L-EWWEL XANDIRA AKKADEMIKA

Meta l-Membri Akkademiċi tal-Għaqda ltaqgħu fl-aħħar laqgħa ġenerali iddeċidew li kultant jibdew isiru xandiriet minn fuq ir-Red ffusion, bil-ħsieb li x-xogħlijiet ġodda tagħhom, qabel jidhru fir-rivista "IL-MALTI", jinqraw lil Malta bi ħġarha għax għalkemm il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti hija dik l-organizzazzjoni apolitika responsabbli għas-suċċess ta' l-Ilsien Malti bħala Ilsien uffiċjali ta' Malta, il-lum għad hawn ħafna żgħażagħ li qed jieklu l-frott bnin tal-letteratura Maltija, imma ftit jew xejn jinteressaw ruħhom f'dik is-siġra li qed twekkilhom il-frott tant tajjeb.

L-ewwel xandira minn sensiela ta' xandiriet li għad iridu jsiru saret fit-22 ta' Marzu 1950, fit-8 ta' fil-għaxija. Iż-żmien li kellna għad-dispożizzjoni tagħna kien qasir, nofs siegħa, imma rnexxielna nagħtu ħjiel mhux ħażin ta' ħames membri u għalaqna x-xandira b'poeżija ta' żagħżugħ ta' 19-il sena li jipprometti ħafna u għalhekk il-Għaqda ma setgħetx tonqos li ma tagħtihx l-okkażjoni li jsamma' leħnu fost dawk ta' membri mill-aktar magħrufin.

L-inkarikat ta' dawn ix-xandiriet, Ivo Muscat-Azzopardi, introduċa lill-Membri wieħed wara l-ieħor u ta, fil-qasir kemm jista' jkun, xi dettalji fuq kull wieħed minnhom.

Il-Membri li ħadu sehem f'din l-ewwel xandira u li qraw ix-xogħlijiet tagħhom huma nfushom kienu dawn:—

ANTON BUTTIGIEG — Żewġ poeżijiet jisimhom "Karmena" u "Peppinu u Ġakkinu".

ĠUŻE' CHETCUTI — Żewġ poeżijiet li jisimhom "Iż-Żeffiena" u "Il-Pupa".

NINU CREMONA — Poeżija jisimha "Il-Għanja ta' l-Imgħażel".

JOSEPH GALEA—Biċċa proża mill-ktieb "Malta Bikrija".

ERIN SERRACINO-INGLOTT — Żewġ poeżijiet "Talba lil Ommi Mejta" u "Xejn".

ĠUŻI ABELA—Poeżija li jisimha "It-Tmintax-il Waħda".

Nittamaw li ma ndumux ma norganizzaw xandira oħra u nitolbu lil dawk il-membri li jixtiequ jieħdu sehem biex jiktbu mill-iżjed fis lil Ivo Muscat-Azzopardi. Ix-xewqa tagħna hija li għat-tieni xandira jieħdu sehem membri għal kollox differenti minn dawk li ħadu sehem fl-ewwel xandira.